MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Numru. 84/2009

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Alan Attard, iben Francis, imwieled Pieta' fit-23 ta' Jannar, 1990

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-12 ta' Diċembru, 2008 għal habta ta' bejn it-8.00 a.m. u it-3.00 p.m. waqt li kien fil-post magħruf bħala 'Ta' Marija Restaurant', Triq il-Kostituzzjoni, Mosta fil-kapaċita' tiegħu bħala mpjegat fl-istess post, daħal fl-officċju ta' l-imgħallem tiegħu, Benjamin Muscat, u minn ġo s-safe seraq is-somma ta' €40, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-persuna għad-dannu ta' l-imsemmi Benjamin Muscat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' April, 2009 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-flus ġew mogħtija lura lil sidhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(d), 263, 268(a) u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ewwel seduta ta' din il-kawża. Il-flus ġew mogħtija lurau l-imputat għandu fedina penali netta. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------